KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fit-3 ta' Settembru 2015 [1]

**Kawża C-154/14 P**

**SKW Stahl-Metallurgie GmbH**
**SKW Stahl-Metallurgie Holding AG**
**vs**

**Il-Kummissjoni Ewropea**

"Appell — Artikolu 27 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 — Artikoli 12 u 14 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 — Regoli proċedurali applikabbli għall-investigazzjonijiet ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE — Dritt għal smigħ — Seduta għas-sottomissjonijiet orali — Seduta in camera quddiem il-Kummissjoni"

1. Impriżi bla dubju għandhom dritt li jinstemgħu b'rabta ma' investigazzjonijiet ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE. Madankollu, hemm dritt li jinstemgħu fil-privat? Din fil-qofol hija l-mistoqsija li tirrigwarda dan l-appell. Għar-raġunijiet mogħtija iktar 'il quddiem, l-opinjoni tiegħi hija li din id-domanda għandha tingħata risposta fin-negattiv.

2. L-appellanti jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tħassar sentenza tal-Qorti Ġenerali [2], li kkonfermat deċiżjoni tal-Kummissjoni [3] li imponiet fuqhom multa ta' EUR 13 300 000 talli pparteċipaw f'akkordju fis-setturi tal-karbur tal-kalċju u tal-manjeżju. It-talba ewlenija tal-appellanti hija li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma wissitx lill-Kummissjoni talli rrifjutat it-talba tagħhom għal seduta *in camera* għas-sottomissjonijiet orali [4] matul il-proċedura amministrattiva.

3. Dwar l-aggravji l-oħra miġjuba mill-appellanti, ser inqishom fil-qosor, billi nikkonċentra volontarjament fuq l-ewwel aggravju.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Sentenza SKW Stahl-Metallurgie Holding u SKW Stahl-Metallurgie vs Il-Kummissjoni, T-384/09, EU:T:2014:27 (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata").

3 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 5791 finali, tat-22 ta' Lulju 2009, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE [Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE")] (Każ COMP/39.396 – Reaġenti b'bażi tal-karbur tal-kalċju u tal-manjeżju għall-industriji tal-azzar u l-gass) (ĠU C 301, p. 18, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

4 — F'dawn il-konklużjonijiet b'"seduta *in camera*" nifhem laqgħa bejn parti u l-awtorità li tiddeċiedi mingħajr ma jkunu preżenti partijiet oħra (*ex parte in camera*), u mhux seduta li ma hijiex miftuħa għall-pubbliku.

## I – Il-kuntest ġuridiku

4. L-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003[5] ("Seduta tal-partijiet, l-ilmenti u oħrajn") jipprovdi:

"1. Qabel ma jiġu meħuda d-deċiżjonijiet kif previsti mil-Artikoli 7, 8, 23 u l-Artikolu 24(2), il-Kummissjoni ħa tagħti l-impriża u l-assoċjazzjoni ta' l-impriża li huma suġġetti għal proċeduri kondotti mil-Kummissjoni l-opportunità li jiġu msemma' fuq matterji li l-Kummissjoni kellha oġġezzjoni fuqhom. Il-Kummissjoni ħa tibbaża d-deċiżjoni tagħha biss fuq l-oġġezzjonijiet li l-partijiet konċernati kienu kapaċi jikkummentaw fuqhom. […]

2. Id-dritt[ijiet] tad-difiża tal-partijiet konċernati ħa jkunu rispettati kompletament fil-proċeduri. […]"

5. Skont l-Artikolu 33(1)(ċ) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni ħarġet dispożizzjonijiet ta' implementazzjoni dwar, *inter alia*, l-arranġamenti prattiċi għas-seduti previsti mill-Artikolu 27 tiegħu. Dawn id-dispożizzjonijiet jinsabu fir-Regolament Nru 773/2004[6]. Intitolat "Dritt ta' smigħ orali (seduta)", l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 773/2004 jipprovdi li l-Kummissjoni għandha tagħti lill-partijiet li lihom tkun indirizzat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet (iktar 'il quddiem id-"DO") l-opportunità li jiżviluppaw l-argumenti tagħhom waqt seduta għas-sottomissjonijiet orali, jekk huma jitolbu dan fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom.

6. L-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 773/2004 ("Tmexxija tas-smigħ orali (seduta)") jgħid:

"6. Is-smigħ orali (seduta) m'għanudx [ma għandux] ikun pubbliku. Kull persuna tista' tinstema' separatament jew fil-preżenza ta' persuni oħra mistiedna biex jattendu, filwaqt li jkunu kkunsidrati l-interessi leġittimi ta' l-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom u informazzjoni konfidenzali oħra.

7. L-Uffiċjal tas-Smigħ (seduta) jista' jippermetti lill-partijiet li lilhom dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kienet indirizzata, lil min jagħmel l-ilment, persuni oħra mistiedna għas-smigħ (seduta), is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri biex jagħmlu mistoqsijiet matul is-smigħ (seduta).

8. Id-dikjarazzjonijiet magħmula minn kull persuna li nstemgħet għandhom ikunu rridordjati [rrikordjati]. Wara talba, l-irrekordjar tas-smigħ (seduta) għandu jintgħamel disponibbli lill-persuni li attendew is-smigħ (seduta). Konsiderazzjoni għandha tingħata lill-interessi leġittimi tal-partijiet fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom u informazzjoni konfidenzali oħra."

7. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 773/2004 jipprovdi li informazzjoni, inklużi dokumenti, ma għandhiex tiġi kkomunikata jew issir aċċessibbli mill-Kummissjoni jekk ikun fiha sigrieti kummerċjali jew informazzjoni kunfidenzjali oħra ta' xi persuna.

5 — Regolament tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol, 2, p. 205), kif emendat.

6 — Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004, tas-7 ta' April 2004, dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81), kif emendat.

## II – **Il-kuntest tal-proċeduri**

### A – *Sommarju*

8. Sa fejn huwa rilevanti għal dawn il-proċeduri, skont is-sentenza appellata[7], il-Kummissjoni qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-forniturі ewlenin ta' karbonat tal-kalċju u ta' manjeżju maħsuba għall-industriji tal-azzar u tal-gass kienu kisru l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE billi pparteċipaw, mis-7 ta' April 2004 sas-16 ta' Jannar 2007, fi ksur wieħed u kontinwat ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Il-ksur kien jikkonsisti fi qsim tas-suq, kwoti, allokazzjoni ta' konsumaturi, iffissar ta' prezzijiet u skambju ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva bejn fornituri ta' kristalli tal-karbur tal-kalċju u tal-manjeżju f'parti sostanzjali tas-suq taż-Żona Ekonomika Ewropea (iktar 'il quddiem "il-ksur inkwistjoni").

9. B'mod partikolari, il-Kummissjoni sabet, fl-Artikolu 1(f) tad-deċiżjoni kkontestata, li SKW Stahl-Metallurgie GmbH (iktar 'il quddiem "SKW") kienet ipparteċipat fil-ksur inkwistjoni mit-22 ta' April 2004 sas-16 ta' Jannar 2007, u li SKW Stahl-Metallurgie Holding AG (iktar 'il quddiem "SKW Holding") kienet ipparteċipat fil-ksur mit-30 ta' Awwissu 2004 sas-16 ta' Jannar 2007. Il-Kummissjoni kienet tal-opinjoni li impjegati ta' SKW kellhom x'jaqsmu direttament fl-akkordji u/jew fil-prattiki miftiehma deskritti fid-deċiżjoni kkontestata fil-perijodu msemmi iktar 'il fuq. Bejn it-30 ta' Awwissu 2004 u s-16 ta' Jannar 2007, SKW Holding kienet il-proprjetarja diretta ta' 100 % ta' SKW. Dan wassal lill-Kummissjoni sabiex tqis, abbażi ta' preżunzjoni li toħroġ minn dik il-proprjetà, li SKW Holding kienet teżerċita kontroll effettiv fuq SKW – preżunzjoni li, fil-fehma tal-Kummissjoni, kienet "ikkonfermata" minn elementi fattwali addizzjonali[8] – u li SKW Holding kienet tagħmel parti minn unità ekonomika waħda ma' SKW, u, b'hekk, setgħet tinżamm responsabbli għall-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni mwettqa minn SKW.

### B – *Il-proċedura amministrattiva quddiem il-Kummissjoni*[9]

10. Fir-risposta tagħhom tas-6 ta' Ottubru 2008 għad-DO tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2008, l-appellanti argumentaw li, fil-fatt, Degussa u mhux SKW Holding eżerċitat influwenza deċiżiva fuq SKW, u talbu li tinżamm seduta għas-sottomissjonijiet orali sabiex jispjegaw dan. Mistiedna sabiex jidhru għal seduta għas-sottomissjonijiet orali, l-appellanti talbu, b'messaġġ elettroniku tal-31 ta' Ottubru 2008, li jinstemgħu *in camera* dwar l-argumentazzjoni tagħhom b'rabta mar-rwol ta' Degussa. L-appellanti ġġustifikaw it-talba tagħhom għar-raġuni li s-sopravivenza ekonomika ta' SKW kienet tiddependi minn Degussa, li kienet tipprovdilha kważi t-totalità tal-kummerċ tagħha fil-karbur tal-kalċju, u li SKW kienet attwalment qed tinnegozja kuntratt ta' provvista ġdid ma' Degussa. L-appellanti argumentaw ukoll li s-sottomissjoni tal-fehmiet tagħhom fil-preżenza ta' Degussa kienet tippreġudika serjament ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom u setgħet twassal għal atti ta' tpattija. B'messaġġ elettroniku tal-5 ta' Novembru 2008, l-appellanti ssuġġerew, bħala soluzzjoni prattika, li Degussa tingħata aċċess għall-preżentazzjoni tagħhom *in camera* wara tmiem is-sena 2008 jew wara li jiġi konkluż ftehim ta' provvista ġdid. L-appellanti bagħtu messaġġ elettroniku ieħor fis-6 ta' Novembru 2008 lill-uffiċjal tas-seduta (iktar 'il quddiem l-"US"), li biha tennew dawn l-affarijiet.

7 — Isir riferiment għall-punti 1 sa 4 tas-sentenza appellata (disponibbli biss fil-verżjoni Ġermaniża u Franċiża).

8 — Dawn l-elementi kienu jinkludu (i) li SKW kienet tagħmel parti mit-taqsima Powders and Granulates ta' SKW Holding; (ii) li SKW Holding kellha x'taqsam fil-kuntatti ta' kuljum tan-negozju tas-sussidjarji tagħha; (iii) li SKW Holding kienet responsabbli mill-iżvilupp strateġiku ta' SKW; (iv) li SKW Holding kienet ħadet deċiżjonijiet relatati ma' persunal, reklutaġġ u finanzi; (v) li SKW kienet tirrapporta informazzjoni finanzjarja lil SKW Holding darba kull xahar; (**v**i) li SKW kellha bżonn il-firma ta' membru tal-bord ta' SKW Holding sabiex tikkonkludi kuntratti ma' banek; u (vii) li d-dħul ta' SKW kien jikkontribwixxi għall-informazzjoni tal-prestazzjoni ekonomika ta' SKW Holding. Il-Kummissjoni ma sabitx sostenn għall-fehma li SKW Holding kienet sempliċement rappreżentanta tal-bejgħ għal Evonik Degussa GmbH (iktar 'il quddiem "Degussa") jew investitriċi finanzjarja.

9 — Isir riferiment għall-punti 24 sa 33 tas-sentenza appellata.

11. Permezz ta' ittra tas-6 ta' Novembru 2008, l-US ma laqgħetx it-talba għal seduta *in camera*. Billi qieset li t-talba ma kinitx ibbażata, *stricto sensu*, fuq il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra tal-appellanti, l-US analizzatha mill-aspett tad-dritt għal smigħ. Filwaqt li nnotat li l-argument imqajjem mill-appellanti kien dwar l-imġiba ta' Degussa u kien jeħtieġlu, sabiex jitqies bħala ċirkustanza mitiganti [10], li jiġi vverifikat ma' dikjarazzjoni li kellha tinkiseb mingħand Degussa, l-US iddeċidiet ukoll li seduta *in camera* kienet tiċħad lil Degussa d-dritt tagħha li twieġeb oralment għall-allegazzjonijiet magħmula mill-appellanti. Fl-aħħar nett, l-US ma qisitx li s-soluzzjoni prattika ssuġġerita mill-appellanti kienet fattibbli, minħabba li la l-eżitu u lanqas kemm kienu ser idumu n-negozjati ma kienu ċerti.

12. Inżammet seduta għas-sottomissjonijiet orali fl-10 u fil-11 ta' Novembru 2008.

13. Permezz ta' ittra tat-28 ta' Jannar 2009, l-appellanti għarrfu lill-US dwar il-fatt li kien intlaħaq ftehim ta' provvista ġdid bejn SKW u Degussa, u li ma kien hemm xejn xi jfixkel seduta għas-sottomissjonijiet orali fil-preżenza ta' Degussa. Għaldaqstant huma talbu li jkollhom opportunità jippreżentaw, waqt seduta addizzjonali għas-sottomissjonijiet orali, il-fehmiet tagħhom dwar l-imġiba ta' Degussa, li kienu baqgħu lura milli jagħmlu fis-seduta għas-sottomissjonijiet orali.

14. Permezz ta' ittra tat-3 ta' Frar 2009, l-US ma laqgħetx it-talba għal seduta addizzjonali għas-sottomissjonijiet orali, billi kienet tal-fehma li jkun hemm lok għad-dritt għal smigħ meta tinħareġ DO u li dan id-dritt jingħata f'okkażjoni waħda biss. Madankollu, l-US ippermettiet lill-appellanti jissottomettu kummenti addizzjonali bil-miktub dwar din il-kwistjoni f'terminu ġdid.

15. Fl-aħħar nett, permezz ta' ittra tal-10 ta' Frar 2009 lill-US, l-appellanti esprimew in-nuqqas ta' qbil tagħhom mal-fehma tal-US. Huma sostnew li d-dritt għal smigħ orali ma kienx "xi ħaġa ta' darba biss" li kellu jingħata f'okkażjoni waħda, iżda kellu jkun żgurat tul il-proċedura kollha. Minħabba l-fatt li l-argumenti bil-miktub li l-appellanti kienu diġà ppreżentaw kienu naqsu milli jiġbdu l-attenzjoni tal-Kummissjoni għar-rwol ta' Degussa u għad-dipendenza ta' SKW fuq Degussa, l-appellanti oġġezzjonaw għall-idea li l-possibbiltà li jiġu ppreżentati osservazzjonijiet bil-miktub setgħet tieħu post id-dritt għal smigħ orali.

16. Fid-9 ta' Lulju 2009, l-US ħarġet l-aħħar rapport finali tagħha dwar l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-ksur inkwistjoni [11], li kien jinkludi l-osservazzjonijiet tagħha dwar it-talba tal-appellanti għal seduta *in camera* għas-sottomissjonijiet orali. L-US ikkonkludiet fir-rapport tagħha li l-abbozz ta' deċiżjoni kien jirrigwarda biss l-oġġezzjonijiet li dwarhom il-partijiet kienu ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom, u li d-dritt għal smigħ tal-parteċipanti kollha fil-proċeduri kien ġie rrispettat.

## III – **Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali**

17. Permezz ta' rikors ippreżentat fl-1 ta' Ottubru 2009, l-appellanti fetħu kawża għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. L-appellanti ressqu sitt motivi ta' annullament ibbażati fuq (i) ksur tad-dritt għal smigħ; (ii) applikazzjoni ħażina tal-Artikolu 81 KE; (iii) ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni; (iv) ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament; (v) ksur tal-Artikoli 7 u 23 tar-Regolament Nru 1/2003, kif ukoll tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-prinċipju ta' *nulla poena sine lege*; u (vi) ksur tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003.

10 — Nosserva li l-ittra tal-US tas-6 ta' Novembru 2008 ssemmi effettivament li l-informazzjoni dwar l-imġiba ta' Degussa setgħet kienet rilevanti "sabiex teħles [lill-appellanti] mir-responsabbiltà *jew* bħala fattur mitiganti" (enfasi miżjuda minni). Ma fiha ebda dikjarazzjoni li tikkonferma l-fehma li l-US qieset l-argumentazzjoni tal-appellanti biss bħala argument ta' mitigazzjoni (ara l-punt 31 iktar 'il quddiem).

11 — ĠU C 301, p. 16 u 17.

18. Wara seduta pubblika li nżammet fis-16 ta' April 2013, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fis-sentenza appellata, il-motivi kollha għal annullament u, konsegwentement, ir-rikors. Barra minn hekk, hija kkundannat lill-appellanti għall-ispejjeż tagħhom stess u għal dawk tal-Kummissjoni.

## IV – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet**

19. Permezz tal-appell tagħhom, ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta' April 2014, l-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata fl-intier tagħha sa fejn tiċħad it-talbiet tal-appellanti, u tilqa' fl-intier tagħhom it-talbiet tal-appellanti fl-ewwel istanza;

— sussidjarjament, tannulla parzjalment is-sentenza appellata;

— iktar sussidjarjament, tnaqqas, *ex aequo et bono*, il-multi li ġew imposti fuq l-appellanti fl-Artikolu 2(f) u (g) tad-deċiżjoni kkontestata;

— iktar sussidjarjament, tannulla s-sentenza appellata u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

20. Fir-risposta tagħha, ippreżentata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell; u

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

21. L-appellanti u l-Kummissjoni ppreżentaw sottomissjonijiet orali waqt is-seduta li nżammet fit-13 ta' Mejju 2015.

## V – **Analiżi**

### A – *Osservazzjonijiet preliminari*

22. L-appellanti jinvokaw erba' aggravji insostenn tat-talbiet tagħhom, li essenzjalment huma s-segwenti: (i) billi ma ssanzjonatx il-Kummissjoni talli kisret id-drittijiet proċedurali tal-appellanti tul il-proċedura amministrattiva, bħad-dritt għal smigħ xieraq, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u, barra minn hekk, kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità u l-projbizzjoni ta' evalwazzjoni antiċipata tal-provi; (ii) billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Kummissjoni applikat b'mod żbaljat kemm l-Artikolu 101 TFUE kif ukoll l-obbligu ta' motivazzjoni stabbilit fl-Artikolu 296 TFUE, il-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta' liġi; (iii) billi kkonfermat id-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali kisret ukoll il-prinċipji ta' ċarezza tas-sanzjonijiet u ta' individwalità tal-pieni; fl-aħħar nett, (iv) il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li argument imqajjem mill-appellanti matul il-proċeduri kien ġdid u għaldaqstant inammissibbli. Ser neżamina t-tieni, it-tielet u r-raba' motiv immedjatament u b'mod sommarju.

23. Filwaqt li jqiegħdu fil-ġenb il-kwistjoni tal-ammissibbiltà *tal-ewwel parti tat-tieni aggravju* – li l-Kummissjoni tikkontesta – l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali naqset milli tqis il-fatt li SKW Holding allegatament ma kellhiex interess ekonomiku fil-ksur inkwistjoni. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li meta l-Kummissjoni jirnexxielha tiġbor provi li jsostnu l-ksur allegat, u meta dawn

il-provi jidhru li huma biżżejjed sabiex juru l-eżistenza ta' ftehim ta' natura antikompetittiva, ma hemmx il-ħtieġa li tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk l-impriża kkonċernata kellhiex interess kummerċjali fil-ftehim [12]. Din il-parti tat-tieni aggravju hija, għalhekk, ineffettiva.

24. *Bit-tieni parti tat-tieni aggravju tagħhom*, l-appellanti jallegaw li meta kkonfermat id-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali kienet fehmet ħażin l-Artikolu 296 TFEU. Speċifikament, huma jissottomettu li l-Qorti Ġenerali naqset milli tqajjem il-kwistjoni mal-Kummissjoni talli ma qisitx l-argumenti kollha tagħhom, bi ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni "msaħħaħ" ta' din tal-aħħar b'rabta mal-impożizzjoni ta' responsabbiltà fuq kumpannija parent għall-imġiba tas-sussidjarja tagħha. Madankollu, kif semmejt band'oħra, ma nemminx li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet espliċitament li hemm obbligu ta' motivazzjoni msaħħaħ f'sitwazzjoni bħal din [13]. F'kull każ, nemmen li l-Qorti Ġenerali qieset adegwatament ir-raġunament tad-deċiżjoni kkontestata, billi ma laqgħetx waħda mir-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-proċedura minħabba li kienet żbaljata (għalkemm superfluwa). Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma interpretatx ħażin l-Artikolu 296 TFEU, u t-tieni parti tat-tieni aggravju hija, għalhekk, infondata.

25. L-argument imressaq mill-appellanti *fit-tielet aggravju tagħhom*, li jgħid li l-Kummissjoni kellha tispeċifika t-tqassim individwali – *inter partes* – tal-multa bejn il-parteċipanti tal-akkordju, ma ntlaqax fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Siemens Österreich *et* [14], mogħtija wara l-preżentata ta' dan l-appell. Isegwi minn din id-deċiżjoni li dan l-aggravju huwa wkoll infondat, minkejja li l-appellanti pprovaw, waqt is-seduta, jagħtu tifsira partikolari lill-fehma tagħhom.

26. Fl-aħħar nett, ma hemmx lok li jiġi eżaminat *ir-raba' aggravju*. Permezz ta' dan l-aggravju, l-appellanti jilmentaw li l-Qorti Ġenerali ddikjarat inammissibbli l-istess argument dwar it-tqassim tal-multa mressaq fil-kuntest tat-tielet aggravju. Ir-raba' aggravju huwa, għalhekk, mingħajr effett, fid-dawl tas-sentenza msemmija iktar 'il fuq.

27. Fuq din il-bażi, ngħaddi għall-ewwel aggravju.

## B – *L-ewwel aggravju*

### 1. Il-konstatazzjonijiet tas-sentenza appellata [15]

28. Fil-punti 35 sa 40 tas-sentenza appellata, wara li fil-bidu fakkret l-importanza tad-drittijiet tad-difiża u l-privileġġ marbut ma' sigrieti kummerċjali u informazzjoni kunfidenzjali oħra, il-Qorti Ġenerali għaddiet sabiex tinterpreta l-Artikolu 14(6) tar-Regolament Nru 773/2004. Filwaqt li qieset li ma kienx eskluż, skont din id-dispożizzjoni, li seduti jinżammu fil-preżenza ta' oħrajn, il-Qorti Ġenerali kompliet tosserva li kellu jitqies l-interess leġittimu ta' impriżi li ma jkunux żvelati s-sigrieti kummerċjali tagħhom u informazzjoni kunfidenzjali oħra. Dan wassal lill-Qorti Ġenerali sabiex timponi fuq il-Kummissjoni l-obbligu li toħloq bilanċ xieraq, każ b'każ, bejn, minn naħa, l-għan li jiġu protetti d-drittijiet tad-difiża ta' impriżi li allegatament ikunu kisru r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE u, minn naħa l-oħra, l-interessi legali ta' terzi li ma jiġux żvelati s-sigrieti kummerċjali tagħhom u informazzjoni kunfidenzjali oħra matul l-investigazzjoni.

12 — Sentenza Sumitomo Metal Industries u Nippon Steel vs Il-Kummissjoni, C-403/04 P u C-405/04 P, EU:C:2007:52, punt 46. Ara wkoll, għal dan il-għan, is-sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 335.

13 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Total vs Il-Kummissjoni, C-597/13 P, EU:C:2015:207, punt 133.

14 — C-231/11 P sa C-233/11 P, EU:C:2014:256, li annullat is-sentenza Siemens Österreich u VA Tech Transmission & Distribution vs Il-Kummissjoni, T-122/07 sa T-124/07, EU:T:2011:70.

15 — Isir riferiment għall-punti 19 sa 63 tas-sentenza appellata.

29. Il-Qorti Ġenerali mbagħad evalwat, fil-punt 41 tas-sentenza appellata, jekk l-argumentazzjoni li l-appellanti xtaqu jressqu *in camera* kinitx kruċjali għad-difiża tagħhom.

30. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti 42 sa 44 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet sabet li l-persunal jew il-maniġment biss ta' SKW kien ipparteċipa direttament fil-ksur inkwistjoni. F'kuntrast ma' dan, ir-responsabbiltà ta' SKW Holding għall-istess ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni toħroġ mill-fatt li SKW Holding eżerċitat influwenza deċiżiva fuq SKW. Il-Qorti Ġenerali mbagħad qieset, fil-punti 47 sa 52 tas-sentenza appellata, li l-appellanti ma kinux spjegaw b'liema mod il-possibbiltà li Degussa setgħet eżerċitat influwenza deċiżiva fuq SKW kienet ser teħles lill-appellanti mir-responsabbiltà tagħhom stess. Speċifikament, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet sussegwentement li l-kwistjoni jekk Degussa kinitx eżerċitat influwenza bħal din fuq SKW kienet irrilevanti għall-kwistjoni jekk SKW Holding kinitx irribattiet b'mod effettiv il-preżunzjoni ta' eżerċizzju ta' influwenza deċiżiva li kellha bħala proprjetarja 100 % ta' SKW.

31. Fuq din il-bażi, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punti 53 sa 56 tas-sentenza appellata, li l-argumenti tal-appellanti ma setgħux wara kollox jeħilsuhom mir-responsabbiltà tagħhom. Il-Qorti Ġenerali inferixxiet minn dan li l-US, fl-ittra tagħha tas-6 ta' Novembru 2008 (ara l-punt 11 iktar 'il fuq), kienet qieset b'mod korrett it-talba għal seduta *in camera* biss mill-perspettiva tar-rwol ta' Degussa bħala ċirkustanza mitiganti, peress li l-argumentazzjoni tal-appellanti relatata magħha setgħet tkun ta' benefiċċju biss għalihom minn dak l-aspett. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li l-analiżi tal-involviment ta' Degussa bħala fattur mitiganti għar-responsabbiltà tal-appellanti kellha tkun evalwata fit-tieni parti tal-ħames motiv tagħhom għal annullament.

32. Dwar l-ewwel motiv ta' annullament, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti 57 sa 63 tas-sentenza appellata, li l-argument li r-rwol ta' Degussa kellu jitqies bħala ċirkustanza mitiganti fir-rigward tal-appellanti jwassal, għall-kuntrarju, sabiex ir-responsabbiltà ta' Degussa tiżdied. Għalhekk, l-US sewwa għamlet meta kkonkludiet li ma setgħetx tinżamm seduta *in camera*, minħabba li Degussa kienet intitolata twieġeb għal allegazzjonijiet bħal dawn. Il-Qorti Ġenerali qablet mal-US li s-soluzzjoni prattika proposta mill-appellanti ma kinitx tissodisfa d-dritt ta' Degussa li twieġeb oralment għall-akkużi tal-appellanti waqt is-seduta. Fid-dawl tal-fatt li l-iżvolġiment korrett tal-proċedura amministrattiva jeżiġi li tittieħed deċiżjoni fi żmien raġonevoli, il-Qorti Ġenerali qieset li l-US setgħet legalment tirrifjuta li żżomm seduta addizzjonali għas-sottomissjonijiet orali, minħabba li l-partijiet ma kinux intitolati, fil-fehma ta' din il-qorti, għal seduta ġdida kull darba li ostaklu għas-sottomissjoni ta' argumentazzjoni jisfa fix-xejn. Fl-aħħar nett, peress li l-US kienet tat lill-appellanti l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub addizzjonali, il-Qorti Ġenerali ma laqgħetx l-ewwel motiv ta' annullament tal-appellanti.

2. Argumenti tal-partijiet

33. L-appellanti jissottomettu li l-Qorti Ġenerali naqset milli tirrikonoxxi li r-rifjut tal-Kummissjoni tat-talba tagħhom għal seduta *in camera* jammonta għal ksur ta' forma proċedurali sostanzjali. Ir-rifjut kien sproporzjonat immens, *inter alia*, minħabba li t-talba tagħhom kienet kompletament raġonevoli u ma kinitx tippreġudika d-drittijiet proċedurali ta' oħrajn. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali injorat id-drittijiet tad-difiża, minkejja li l-Artikolu 27(2) tar-Regolament Nru 1/2003 jipprovdi li "[i]d-dritt[ijiet] tad-difiża tal-partijiet konċernati ħa jkunu rispettati kompletament fil-proċeduri". Seduta għas-sottomissjonijiet orali fil-preżenza ta' Degussa ma kinitx tagħti lill-appellanti l-possibbiltà li jispjegaw il-fehma tagħhom lill-Kummissjoni, minħabba li beżgħu li Degussa setgħet tieħu miżuri ta' tpattija. Din kienet ir-raġuni għaliex l-appellanti talbu laqgħa qasira *in camera* li kellha ddum madwar tletin minuta. Barra minn hekk, l-appellanti ressqu – mingħajr suċċess – diversi soluzzjonijiet alternattivi li, fl-opinjoni tagħhom, kienu jirrispettaw id-dritt tagħhom għal smigħ.

34. L-appellanti jikkontendu li l-Qorti Ġenerali, bħall-Kummissjoni qabilha, injorat manifestament l-interessi leġittimi tagħhom. Jagħmlu riferiment għall-Artikolu 14(6) tar-Regolament Nru 773/2004 dwar l-interess ta' impriżi li s-sigrieti kummerċjali tagħhom ma jiġux żvelati. Huma jissottomettu wkoll li jekk seduta *in camera* tista' tinżamm sabiex jiġu protetti sigrieti kummerċjali (u għandu jingħata fejn ma jkun hemm ebda possibbiltà oħra sabiex jiġu protetti sigrieti bħal dawn), din huwa iktar u iktar il-każ meta seduta bħal din wisq probabbli tkun ser tiżgura protezzjoni adegwata tad-drittijiet tad-difiża tal-impriża kkonċernata u li, fin-nuqqas ta' seduta bħal din, l-eżistenza proprja ta' dik l-impriża tkun mhedda.

35. L-appellanti jargumentaw li hija biss seduta għas-sottomissjonijiet orali li tagħti l-possibbiltà li jinbeda djalogu mal-Kummissjoni sabiex jitneħħa kull dubju u sabiex tingħata tweġiba għal kull mistoqsija li tista' tinqala'. Għalkemm il-Qorti Ġenerali kienet korretta, fil-punti 38 sa 62 tas-sentenza appellata, li ssostni li l-interessi tal-impriża li titlob seduta *in camera* għandhom jiġi bbilanċjati ma' dawk ta' impriżi oħra li jkunu jistgħu jiddefendu lilhom infushom kontra kull akkuża li jista' jkun hemm, din il-qorti żbaljat meta qieset li l-interessi ta' dawn tal-aħħar kienu iktar importanti u ġġustifikat li tirrifjuta s-soluzzjonijiet alternattivi proposti mill-appellanti. Meta għamlet hekk, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta ma obbligatx lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-soluzzjoni li kienet taqdi l-interessi tal-partijiet kollha involuti u, konsegwentement, il-Qorti Ġenerali wettqet test ta' bbilanċjar b'mod sproporzjonalment sfavorevoli għall-interessi tal-appellanti.

36. L-appellanti jkomplu jgħidu li meta qieset li l-argumentazzjoni tagħhom ma setgħetx teħlishom mir-responsabbiltà, u li l-kwistjoni tal-kontroll ta' Degussa fuq SKW kienet irrilevanti għall-eżami tar-responsabbiltà ta' SKW Holding, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, evalwat minn qabel b'mod illegali l-provi. Minn naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li l-prova tal-eżerċizzju kontinwu ta' kontroll minn kumpannija fuq dik li qabel kienet sussidjarja tagħha setgħet tqiegħed f'dubju l-influwenza prinċipali tal-kumpannija l-ġdida fuq is-sussidjarja. Huma jissottomettu ulterjorment li l-argument tagħhom relatat mar-rwol ta' Degussa ma kienx biss argument ta' mitigazzjoni, iżda kien isostni wkoll il-fehma li SKW Holding ma kienet daħlet f'ebda responsabbiltà.

37. Fl-aħħar nett, għal dak li jirrigwarda l-effetti tal-ksur tad-drittijiet proċedurali tagħhom, l-appellanti jissottomettu li, kif intqal fl-ewwel istanza, ikun biżżejjed li tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata, peress li, kieku ma kienx għall-iżball proċedurali li għamlet il-Kummissjoni, kien ikun konċepibbli li l-proċedura amministrattiva seta' kellha riżultat differenti.

38. Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti kollha tal-appellanti. Dwar l-influwenza eżerċitata minn SKW Holding fuq SKW, il-Kummissjoni tissottometti li l-appellanti ma joġġezzjonawx għall-applikazzjoni ta' standard ta' prova żbaljat, iżda pjuttost għall-konstatazzjonijiet tal-fatti u għall-evalwazzjoni tal-provi mwettqa mill-Qorti Ġenerali, mingħajr ma jallegaw żnaturament tal-provi, li huwa inammissibbli f'appell.

## 3. Evalwazzjoni

### a) Ammissibbiltà

39. Għal dak li jirrigwarda l-oġġezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma *en passant* mill-Kummissjoni (ara l-punt 38 iktar 'il fuq), infakkar li, permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti ma jikkontestawx ir-responsabbiltà ta' SKW Holding minħabba l-eżerċizzju ta' influwenza deċiżiva fuq SKW (li hija, minflok, il-qofol tat-tieni aggravju tagħhom), iżda jilmentaw dwar ksur tad-drittijiet proċedurali tagħhom, b'mod partikolari d-dritt li jinstemgħu b'mod effikaċi. Fil-fehma tagħhom, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta fittxet bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-appellanti sabiex jiksbu seduta *in camera* ma'

dawk ta' partijiet oħra – speċifikament Degussa – sabiex iwieġbu għall-allegazzjonijiet tal-appellanti, kif ukoll meta rrifjutat il-proposti alternattivi tagħhom. Dan huwa punt ta' liġi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni tisma', skont l-Artikolu 256(1) TFEU u l-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

b) Kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar id-dritt għal smigħ fi proċeduri amministrattivi quddiem il-Kummissjoni

40. Il-proċedura amministrattiva quddiem il-Kummissjoni fi proċeduri skont l-Artikolu 101 TFEU tinqasam f'żewġ stadji distinti u suċċessivi, kull wieħed minnhom skont il-loġika tiegħu proprja: stadju ta' investigazzjoni preliminari u stadju *inter partes*. L-investigazzjoni preliminari, li tkopri l-perijodu san-notifika tad-DO, hija maħsuba sabiex biha l-Kummissjoni tkun tista' tiġbor il-provi rilevanti kollha li jikkonfermaw li kien jew ma kienx hemm ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u tadotta pożizzjoni inizjali dwar kif għandha tiżvolġi l-proċedura. L-istadju *inter partes*, li jkopri l-perijodu min-notifika tad-DO sal-adozzjoni tad-deċiżjoni finali, huwa maħsub sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tasal għal deċiżjoni finali dwar il-ksur allegat. Huwa biss fil-bidu tal-istadju *inter partes* li l-parti kkonċernata tiġi mgħarrfa, permezz tad-DO, tal-elementi kollha essenzjali li fuqhom il-Kummissjoni tkun qed tibbaża ruħha f'dak l-istadju tal-proċedura. Konsegwentement, huwa biss wara li tinħareġ id-DO li dik il-parti tkun tista' tinvoka għalkollox id-drittijiet tad-difiża tagħha [16].

41. Fir-rigward tal-istadju *inter partes*, id-dritt għal smigħ jista' jiġi eżerċitat b'żewġ fażijiet konsekuttivi: bil-miktub u orali.

42. Dwar l-ewwel fażi, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 773/2004, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-partijiet ikkonċernati bl-oġġezzjonijiet magħmula kontra tagħhom, u d-DO tiġi nnotifikata bil-miktub lil kull waħda mill-partijiet li kontra tagħha jkunu saru oġġezzjonijiet. L-Artikolu 10(2) u (3) ta' dan ir-regolament jistabbilixxi d-dritt li tingħata tweġiba bil-miktub għad-DO f'terminu ffissat mill-Kummissjoni, billi jiġu stabbiliti l-fatti kollha li jkunu rilevanti għad-difiża. Il-Kummissjoni ma hijiex obbligata tieħu inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet riċevuti wara l-iskadenza ta' dan it-terminu.

43. Skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 773/2004, il-partijiet li jwieġbu għad-DO għandhom jindikaw kull materjal li huma jikkunsidraw li huwa kunfidenzjali, billi jagħtu r-raġunijiet, u jipprovdu verżjoni mhux kunfidenzjali separata sat-terminu mogħti sabiex tingħata tweġiba għad-DO. Skont Artikolu 16(3) tiegħu, il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess, titlob lill-partijiet jagħmlu l-istess. Fin-nuqqas ta' indikazzjonijiet għall-kuntrarju, il-Kummissjoni tista' tassumi li l-materjal ma jkunx kunfidenzjali skont l-Artikolu 16(4) tiegħu. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-partijiet jistgħu jitolbu aċċess għall-file skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament fir-rigward ta' informazzjoni mhux kunfidenzjali.

44. Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li huwa għall-partijiet li jqisu eżattament kemm informazzjoni, ftit jew ħafna, ikunu jixtiequ jagħtu lill-Kummissjoni fit-tweġiba bil-miktub tagħhom. Meta jagħmlu hekk, huma għandhom jiddeterminaw jekk ikunux jixtiequ jagħtu informazzjoni ta' natura kunfidenzjali u, jekk iva, jindikaw dan. Inevitabbilment, fil-każ li l-Kummissjoni ma taqbilx man-natura kunfidenzjali tal-informazzjoni – bla ħsara għal stħarriġ ġudizzjarju li jista' jkun hemm mill-qrati tal-Unjoni – il-parti li tagħti informazzjoni bħal din tieħu r-riskju kummerċjali li parti oħra tkun tista' tikseb din l-informazzjoni billi jkollha aċċess għall-file.

16 — Ara s-sentenza Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, C-521/09 P, EU:C:2011:620, punti 113 u 115.

45. Fir-rigward tat-tieni fażi, jiġifieri d-dritt għal smigħ orali — li ma kienx dejjem dritt inerenti [17] — il-partijiet huma intitolati, skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 773/2004, jidhru għal seduta għas-sottomissjonijiet orali quddiem il-Kummissjoni, bil-kundizzjoni li jkunu għamlu talba għal dan il-għan fir-risposta tagħhom għad-DO.

46. Is-seduta għas-sottomissjonijiet orali ssir skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 773/2004. Skont l-Artikolu 14(6) tiegħu, persuni jistgħu jinstemgħu separatament jew fil-preżenza ta' oħrajn, fid-dawl ta' kull interess leġittimu fil-protezzjoni ta' sigrieti kummerċjali u informazzjoni kunfidenzjali oħra. Id-dikjarazzjonijiet magħmula minn kull persuna għandhom ikunu rrikordjati skont l-Artikolu 14(8) tar-Regolament, u rrekordjar bħal dan għandu jsir aċċessibbli lil persuni li jkunu attendew għas-seduta, dejjem fid-dawl tal-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali tal-partijiet.

47. Il-partijiet li jkunu wieġbu għad-DO, jistgħu, għalhekk, jagħżlu li jitolbu li jinstemgħu oralment. L-eżerċizzju ta' din l-għażla jammonta għal deċiżjoni oħra ta' negozju, li dwarha għandha titqies il-possibbiltà li jkunu preżenti partijiet oħra, u li l-informazzjoni żvelata tkun tista' taqa' f'idejn persuni oħra. Madankollu rrid nisħaq li ma hemmx obbligu li wieħed jattendi għal seduta għas-sottomissjonijiet orali.

48. Fl-aħħar nett, iżda mhux ta' inqas importanza, id-dritt għal smigħ għandu aspett sostantiv vitali: il-protezzjoni proċedurali effettiva tal-partijiet ikkonċernati. Tabilħaqq, fi proċeduri li fihom ikunu jistgħu jiġu imposti multi, ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża huwa prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni li għandu jitħares, anki fi proċeduri amministrattivi [18]. Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 773/2004, il-Kummissjoni għandha, fid-deċiżjonijiet tagħha, tittratta biss oġġezzjonijiet li fir-rigward tagħhom il-partijiet, li lilhom tkun ġiet indirizzata DO, setgħu jippreżentaw osservazzjonijiet.

49. Madankollu, dan il-każ huwa partikolari għaliex, fir-realtà, huwa jikkonċentra fuq il-kwistjoni ta' x'*forma* d-dritt għal smigħ quddiem il-Kummissjoni għandu jieħu, iktar milli fuq s-sustanza tiegħu. F'dan ir-rigward, li wieħed jinstema' bil-miktub, iktar milli oralment, fih innifsu ma huwiex problematiku. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem "Qorti EDB"), fi proċeduri amministrattivi li jistgħu jwasslu għall-impożizzjoni ta' piena, ikun biżżejjed jekk sussegwentement il-partijiet ikollhom jedd għal seduta għas-sottomissjonijiet orali quddiem qorti jew tribunal imparzjali u indipendenti [19].

c) Eżami tal-ewwel aggravju

50. Jiena nara żewġ argumenti ewlenin fl-ewwel aggravju tal-appellanti, it-tnejn ibbażati fuq id-dritt għal smigħ: l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali naqset illegalment milli tissanzjona lill-Kummissjoni talli din irrifjutat it-talba tagħhom għal seduta *in camera*, billi evalwat minn qabel b'mod illegali l-provi fil-proċedura. It-tieni nett, din il-qorti aġixxiet b'mod sproporzjonat meta naqset milli twiddeb lill-Kummissjoni talli din ma qablitx mas-soluzzjonijiet alternattivi proposti mill-appellanti. Ser neżamina hawn taħt iż-żewġ argumenti suċċessivament.

17 — L-istat tad-dritt kien is-suġġett ta' varjazzjoni tul iż-żmien. L-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 99/63/KEE tal-Kummissjoni, tal-25 ta' Lulju 1963, dwar is-seduti msemmija fl-Artikolu 19(1) u (2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17 (ĠU Edizzjoni Speċjali bl-Ingliż 1963-1964(I), p. 47) jgħid li l-Kummissjoni "għandha tagħti lil persuni li jkunu hekk talbu fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom l-opportunità li jressqu l-argumenti tagħhom oralment, jekk dawn il-persuni juru interess suffiċjenti jew jekk il-Kummissjoni tipproponi li timponi fuqhom multa jew piena ta' ħlas minn żmien għal ieħor". Sussegwentement, Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2842/98, tat-22 ta' Diċembru 1998, dwar is-smigħ tal-partijiet f'ċerti proċedimenti taħt l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 4, p. 204) sempliċement jgħid li l-Kummissjoni "tista', fejn jixraq, tagħti lill-applikanti u lil min qiegħed jagħmel l-ilmenti l-opportunità ta' espressjoni orali ta' l-opinjonijiet tagħhom, jekk hekk jitolbu fil-kummenti tagħhom bil-miktub".

18 — Ara s-sentenza Thyssen Stahl vs Il-Kummissjoni, C-194/99 P, EU:C:2003:527, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata.

19 — Ara, *inter alia*, Qorti EDB, sentenza Flisar vs Is-Slovenja, tad-29 ta' Settembru 2011, Nru 3127/09, punti 33 sa 35,. Barra minn hekk, seduti għas-sottomissjonijiet orali ma humiex dejjem obbligatorji fil-proċeduri ġudizzjarji kollha li jinvolvu pieni kriminali. Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, sentenza Jussila vs Il-Finlandja [GC], Nru 73053/01, punt 43, 2006-XIII.

i) Jeżisti dritt għal seduta *in camera*?

51. Nixtieq nibda billi ninnota li l-US tidher li qieset li l-informazzjoni li permezz tagħha l-appellanti pprovaw jiġġustifikaw it-talba tagħhom għal seduta *in camera* setgħet, f'termini kwalitattivi, twassal sabiex tinżamm tali seduta [20].

52. F'kull każ, sa fejn nista' ngħid, ma hemmx dritt għal seduta *in camera* [21].

53. Mkien fir-Regolament Nru 1/2003 jew fir-Regolament Nru 773/2004 ma huwa indikat dritt bħal dan. B'mod partikolari, l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 773/2004 jgħid sempliċement li l-Kummissjoni għandha tagħti lill-partijiet li lilhom tindirizza DO l-opportunità li jiżviluppaw l-argumenti tagħhom f'seduta għas-sottomissjonijiet orali, jekk huma jitolbu dan fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom. Madankollu din id-dispożizzjoni hija siekta dwar seduta *in camera*.

54. B'mod simili, la l-kliem, la l-kuntest, u lanqas l-għan tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 773/2004 – speċifikament l-Artikolu 14(6) – ma jipprovdu dritt bħal dan.

55. Il-*kliem* tal-Artikolu 14(6) tar-Regolament Nru 773/2004 jipprovdi li kull persuna *tista*' tinstema' separatament fil-preżenza ta' persuni oħra mistiedna sabiex jattendu, fid-dawl tal-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom u ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra. Iktar minn sempliċi awtorizzazzjoni, dan jimplika għażla, mhux obbligu. Mit-tieni sentenza tal-Artikolu 14(6) ta' dan ir-regolament jidher li din l-għażla tkun tiddependi mill-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-interess tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom u ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra.

56. Kif nifhem lill-appellanti, huma essenzjalment jargumentaw li "tista'" għandha, f'dan il-każ, tiġi interpretata bħala "għandha". Madankollu, minbarra li dan ikun kontrointuwittiv, dan l-argument ma jistax jintlaqa' għal diversi raġunijiet.

57. L-ewwel nett, *il-kuntest* tal-Artikolu 14(6) tar-Regolament Nru 773/2004 jikkonferma l-fehma li l-għoti ta' seduta *in camera* huwa fid-diskrezzjoni tal-US. L-Artikolu 14(7) tar-Regolament Nru 773/2004 jgħid li l-US *jista*' jippermetti lill-partijiet li lilhom tkun ġiet indirizzata DO, lil min jagħmel l-ilment u lil persuni oħra mistiedna għas-seduta sabiex jagħmlu mistoqsijiet matul is-seduta. Anki t-titolu tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 773/2004 ("Tmexxija tas-smigħ orali (seduta)") jissuġġerixxi li l-għan tal-Artikolu 14 huwa prinċipalment li jistabbilixxi regoli sabiex tkun żgurata t-tmexxija mingħajr diffikultajiet ta' seduti għas-sottomissjonijiet orali mill-US, li jimplika li l-US għandu jkollu miżura ta' diskrezzjoni maniġerjali. Bil-maqlub, meta impriżi jingħataw drittijiet speċifiċi (jew l-US jingħatalu obbligu speċifiku), dan ikun speċifikat b'mod ċar fit-test stess, pereżempju l-Artikoli 12(1) jew 14 tar-Regolament Nru 773/2004, fejn dan tal-aħħar juża, f'diversi okkażjonijiet, il-kliem li ma jħalli ebda marġni ta' diskrezzjoni. Din żgur ma hijiex koinċidenza.

58. Barra minn hekk, l-*għan* tar-Regolament Nru 773/2004 lanqas ma jissuġġerixxi dritt għal seduta *in camera*. Infakkar li mill-Artikolu 33(1)(ċ) tar-Regolament Nru 1/2003 jirriżulta li r-Regolament Nru 773/2004 huwa intiż sabiex jiġu stabbiliti l-arranġamenti prattiċi sabiex jiġi żgurat li l-impriżi li jkunu s-suġġett tal-proċeduri mmexxija mill-Kummissjoni *jingħataw l-opportunità li jinstemgħu* dwar materji li l-Kummissjoni tkun oġġezzjonat għalihom, u li deċiżjonijiet finali jkunu bbażati biss fuq oġġezzjonijiet li dwarhom il-partijiet ikkonċernati *setgħu jippreżentaw osservazzjonijiet*. Bil-maqlub, ma huwiex l-għan tar-Regolament li jiżgura li impriżi *attwalment* jinstemgħu (inqas u inqas fil-privat) –

20 — Madankollu dan ma żammx lill-Kummissjoni milli ttenni, l-ewwel nett, li l-appellanti rrikonoxxew li Degussa żgur li kienet taf li l-appellanti kienu wieġbu għad-DO b'mod mhux favorevoli għal Degussa u, it-tieni nett, li Degussa, żgur li kienet taf ukoll bir-raġunijiet għaliex l-appellanti sostnew li Degussa kienet qed tikkontrolla lil SKW mill-bogħod, u b'hekk kienet qed titfa' dubju dwar in-natura kunfidenzjali tal-informazzjoni fil-konfront ta' Degussa.

21 — Bl-istess mod, ħlief fil-każ ta' rinunzja totali għad-dritt li tinżamm seduta għas-sottomissjonijiet orali, lanqas ma jeżisti dritt li ma tinżammx seduta *in camera*.

b'mod kruċjali, din hija kwistjoni li l-impriżi stess għandhom jitolbu. Barra minn hekk, kif diġà ssemma, l-assenza ta' dritt għal seduta *in camera* jidher li ma hijiex problematika mill-perspettiva tad-drittijiet fundamentali (ara iktar 'il fuq fil-punt 49). Nixtieq inżid li l-fatt li l-appellanti jqisu li jkun iktar effikaċji jekk jinstemgħu oralment milli bil-miktub hija kwistjoni ta' preferenza, mhux ta' liġi.

59. Fuq livell iktar ġenerali, il-proċedura quddiem il-Kummissjoni tidher li tirrifletti prinċipju mhux miktub li s-setgħa li jiġi deċiż jekk seduta għandhiex tinżamm *in camera* hija tal-korp imparzjali li jmexxi s-seduta (li għandha tiġi eżerċitata fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba). Tabilħaqq, kif il-Qorti tal-Ġustizzja taf sewwa, fi proċeduri quddiem il-qrati tal-UE, id-deċiżjoni li tinżamm seduta *in camera* ma hijiex fil-kontroll tal-partijiet, iżda tal-korp ġudikanti [22]. Dan japplika wkoll għal seduti għas-sottomissjonijiet orali quddiem il-Qorti EDB [23]. Barra minn hekk, infakkar li fi proċeduri ġudizzjarji, talba għal seduta *ex parte in camera* – jiġifieri meta wieħed jinstema' waħdu minn korp ġudikanti – għandha titqies bħala irregolari ħafna [24].

60. Madankollu, dan l-eżempju atipiku ma huwiex rilevanti għall-każ inkwistjoni peress li, essenzjalment, il-proċedura quddiem il-Kummissjoni għandha natura amministrattiva u li din l-istituzzjoni ma tistax tiġi kklassifikata bħala korp ġudikanti. Jekk xejn, il-proċedura hija *inter partes* bejn il-parti kkonċernata u l-Kummissjoni, iktar milli kontenzjuża bejn l-impriżi ssuspettati li pparteċipaw fi ksur speċifiku. Waħda mill-konsegwenzi ta' dan hija, pereżempju, li l-Kummissjoni ma għandhiex l-obbligu li tagħti lil partijiet l-opportunità li jagħmlu kontroeżami ta' xhieda u li janalizzaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom fl-istadju tal-investigazzjoni [25] (jew, bl-istess raġunament, fl-istadju *inter partes*). Madankollu, dan ifisser ukoll li l-Kummissjoni tista' timponi pieni biss għall-istanzi ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni li dwarhom il-partijiet setgħu jippreżentaw osservazzjonijiet. Għalhekk, jekk parti tkun tixtieq tiżvela informazzjoni li tkun kunfidenzjali u li tista' tinkrimina parti oħra fil-proċeduri amministrattivi, huwa evidenti għalija li, jekk wieħed jassumi li l-Kummissjoni tkun tixtieq tibbaża ruħha fuq din l-informazzjoni, hija jkollha toħroġ DO komplementari lill-parti l-oħra [26] (billi l-Kummissjoni ma hijiex obbligata "tiftaħ proċeduri" kontra lmenti oħra). Minn dan isegwi li, fil-każ inkwistjoni, ma kien hemm l-ebda obbligu li jitqiesu l-interessi ta' Degussa: li kieku l-Kummissjoni xtaqet tagħti iktar pieni lil Degussa billi tibbaża ruħha fuq l-informazzjoni tal-appellanti, kien ikollha toħroġ DO addizzjonali. Għaldaqstant, ir-raġunijiet mogħtija mill-US sabiex tirrifjuta milli żżomm seduta *in camera*, ikkonfermati mill-Qorti Ġenerali, ma kinux korretti [27].

61. Fid-dawl tal-kummenti ġenerali magħmula iktar 'il fuq, ma hemm xejn sorprendenti dwar il-fatt li huwa l-US li għandu jiddeċiedi jekk iżommx seduta separata għas-sottomissjonijiet orali ta' dik il-parti fejn dan jidher li jkun xieraq, pereżempju, sabiex jipproteġi s-sigrieti kummerċjali jew informazzjoni kunfidenzjali oħra ta' parti. Tabilħaqq, uffiċjali tal-UE għandhom dmir li jħarsu sigrieti bħal dawn [28] u, kif diġà ssemma, il-proċedura amministrattiva għandha titmexxa skont regoli mfassla għal dan l-għan. Madankollu, huwa interessanti li l-kliem tal-Artikolu 14(6) tar-Regolament Nru 773/2004 ma jagħmel ebda distinzjoni, għal dak li jirrigwarda l-kunfidenzjalità, bejn seduti *in camera* u dawk konġunti.

22 — Ara l-Artikolu 31 tal-Istatut; l-Artikolu 79(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja; l-Artikolu 109 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali; u l-Artikolu 63(2) tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

23 — Ara l-Artikoli 63 u A1(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti EDB tal-1 ta' Ġunju 2015.

24 — Ara, għal dan il-għan, is-sentenza ZZ, C-300/11, EU:C:2013:363, punt 56.

25 — Ara, għal dan il-għan, is-sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 200.

26 — Ara, għal dan il-għan, is-sentenza LG Display u LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni, T-128/11, EU:T:2014:88, punt 110 u l-ġurisprudenza ċċitata (ikkonfermata mis-sentenza LG Display u LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni, C-227/14 P, EU:C:2015:258).

27 — Madankollu, għandu jkun ċar li l-obbligu ta' motivazzjoni huwa kwistjoni separata minn dik dwar il-fondatezza tal-motivazzjoni; ara, *inter alia*, is-sentenza L-Olanda vs Il-Kummissjoni, C-159/01, EU:C:2004:246, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata.

28 — Ara l-Artikolu 339 TFEU; l-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 1/2003 ("Segretezza professjonali"); u l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 773/2004 ("Identifikazzjoni u protezzjoni ta' informazzjoni konfidenzjali").

62. Din teħodni għall-punt tiegħi li jmiss: xejn fil-kliem tar-Regolament Nru 773/2004 ma jissustanzja l-fehma li informazzjoni mogħtija f'seduta *in camera* – jew, sabiex inkun iktar preċiż, *separata* – tista' tikkwalifika awtomatikament bħala kunfidenzjali. Dan jiddependi biss minn dak li jingħad f'seduta bħal din. Fil-fatt, għad-differenza ta' talbiet għal trattament kunfidenzjali fir-rigward ta' osservazzjonijiet bil-miktub dwar id-DO, li jirrikjedu evalwazzjoni *ex post*, meta tirċievi talba għal seduta *in camera*, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni preliminari *ex ante* dwar jekk l-informazzjoni li l-parti tkun biħsiebha tagħtiha tkunx attwalment kunfidenzjali. B'riskju li ngħid dak li huwa ovvju, informazzjoni mhux kunfidenzjali li tingħata matul seduta *in camera* ma tistax skont il-liġi tinżamm milli tingħata lil partijiet oħra li jitolbu aċċess għall-file.

63. Għalhekk, parti li t-talba tagħha għal seduta *in camera* tiġi rrifjutata għandha tqis sewwa jekk tkunx għadha tixtieq tipparteċipa fis-seduta konġunta għas-sottomissjonijiet orali u, jekk iva, x'għandha tgħid. Din il-parti ma tkunx obbligata tiżvela informazzjoni kunfidenzjali quddiem il-parteċipanti kollha. Alternattivament, din il-parti tista', minflok, tagħżel, f'waqt iktar bikri fiż-żmien, li tissottometti informazzjoni kunfidenzjali bil-miktub lill-Kummissjoni fit-tweġiba tagħha għad-DO, u titlob trattament kunfidenzjali tagħha. Dan jista' jinvolvi wkoll li wieħed jieħu riskju kummerċjali, iżda, skont iċ-ċirkustanzi, tista' tkun għażla aħjar milli tintalab seduta *in camera*. Għaldaqstant, il-proċedura amministrattiva tiżgura li l-partijiet jistgħu jiddeċiedu jekk jippreżentawx lill-Kummissjoni informazzjoni li huma jqisu kunfidenzjali u, jekk iva, jekk għandhomx jagħmlu hekk oralment jew bil-miktub (anki jekk huwa minn li huma ma għandhomx l-aħħar kelma dwar il-kwistjoni tal-kunfidenzjalità). Għalhekk l-eżerċizzju tad-dritt għal smigħ invarjabbilment jinvolvi deċiżjonijiet kummerċjali għall-partijiet [29]. Din il-kawża turi dan: l-appellanti għażlu (liema fatt wieħed jista' jifhem) li jagħtu prijorità lil għan kummerċjali wieħed – sopravivenza ekonomika – fuq ieħor, jiġifieri, il-possibbiltà ta' multi iktar baxxi.

64. Ovvjament, meta l-Kummissjoni tiżvela illegalment informazzjoni kunfidenzjali, parti jkollha d-dritt iġġib azzjoni għad-danni skont l-Artikolu 268 TFEU [30]. Madankollu huwa importanti ħafna li wieħed jiftakar li l-kwistjoni dwar jekk informazzjoni tistax tiġi żvelata legalment ma hijiex relatata mal-eżerċizzju tad-dritt għal smigħ. Fi kliem ieħor, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni kunfidenzjali ma jaffettwax neċessarjament il-validità ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li jiġu imposti multi.

65. Fl-aħħar nett, għalkemm id-deċiżjoni sabiex tingħata seduta *in camera* tibqa' fid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni, bħala korp pubbliku, din id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata skont il-liġi. Għalkemm aktarx nemmen li, fejn ikun hemm ġustifikazzjoni tajba bit-tmexxija tal-proċedura amministrattiva, il-qrati tal-Unjoni jistgħu biss rarament jikkritikaw, fuq il-merti, deċiżjoni dwar jekk għandhiex tinżamm seduta *in camera*, li ma teskludix il-possibbiltà ta' ċensura fil-każ ta' użu ħażin ta' setgħat, ta' motivazzjoni insuffiċjenti (inkluża l-assenza totali ta' tweġiba), ta' evalwazzjoni fattwali inkorretta jew forsi anki ta' żball manifest ta' evalwazzjoni [31]. Madankollu, minbarra l-fatt li nistenna li l-Kummissjoni żżomm f'moħħha l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea meta tieħu deċiżjonijiet dwar seduti *in camera*, fil-kawża inkwistjoni ma huwiex neċessarju li wieħed jesplora l-limiti eżatti għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet bħal dawn.

29 — Dan huwa muri mill-fatt li, fl-ittra tagħhom tat-28 ta' Jannar 2009 (punt 13 iktar 'il fuq), l-appellanti semmew li "minn perspettiva kummerċjali baqa' impossibbli għall-klijenti tagħna li jiddiskutu r-rwol ta' Degussa waqt seduta pubblika".

30 — Skont il-prinċipju stabbilit fis-sentenza Adams vs Il-Kummissjoni, 145/83, EU:C:1985:448.

31 — Qabbel ma', għal dak li jirrigwarda (i) id-dritt ta' petizzjoni lill-Parlament Ewropew, is-sentenza Schönberger vs Il-Parliament, C-261/13 P, EU:C:2014:2423, punti 23 u 24; (ii) ilmenti miċħuda mill-Kummissjoni relatati ma' mġiba allegatament mhux kompetittiva, is-sentenza Automec vs Il-Kummissjoni, T-24/90, EU:T:1992:97, punti 71 sa 79; u (iii) azzjonijiet ta' annullament ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni sabiex ma jitressqux proċeduri ta' ksur kontra Stat Membru, digriet Ruipérez Aguirre u ATC Petition vs Il-Kummissjoni, C-111/11 P, EU:C:2011:491, punti 11 sa 13 u l-ġurisprudenza ċċitata.

66. Madankollu, minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li, meta l-Qorti Ġenerali imponiet fuq il-Kummissjoni, fil-punt 39 tas-sentenza appellata, l-obbligu li toħloq bilanċ xieraq, każ b'każ, bejn, minn naħa, l-għan li jiġu protetti d-drittijiet tad-difiża ta' impriżi akkużati bi ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE u, min-naħa l-oħra, l-interess leġittimu ta' terzi li ma jkunx hemm żvelar tas-sigrieti kummerċjali tagħhom u ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra matul l-investigazzjoni, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

67. Madankollu, minn dan l-iżball ma jirriżultax li l-ewwel aggravju huwa fondat. Tabilħaqq, l-argument tal-appellanti li huma kellhom il-jedd għal seduta *in camera* huwa daqstant ieħor żbaljat u ġie korrettement miċħud fl-ewwel istanza. Kif ser naraw, dan huwa minnu wkoll għall-kumplament tal-aggravju li huwa, flimkien mal-aggravji l-oħra, infondat ukoll. Huwa stabbilit li jekk il-motivi ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali jiżvelaw ksur tad-dritt tal-Unjoni, iżda d-dispożittiv tagħha jintwera li jkun fondat fuq motivi oħra tad-dritt, l-appell għandu jiġi miċħud [32].

68. Għaldaqstant, peress li l-kwistjoni prinċipali hija waħda purament tad-dritt, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tissostitwixxi r-raġunament inkorrett fil-punti 35 sa 59, 62 u 63 tas-sentenza appellata b'wieħed li jgħid li ma jeżistix dritt għal smigħ orali *in camera* quddiem il-Kummissjoni f'investigazzjonijiet dwar ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. Jekk isir hekk, ikun hemm ukoll l-effett li miċħud l-argument li l-Qorti Ġenerali evalwat minn qabel b'mod illegali l-provi u, konsegwentement, l-ewwel argument ewlieni tal-appellanti deskritt iktar 'il fuq fil-punt 50 ikollu jiġi miċħud.

ii) Is-soluzzjonijiet alternattivi proposti mill-appellanti

69. L-appellanti jsostnu wkoll li l-Qorti Ġenerali aġixxiet b'mod għalkollox sproporzjonat meta rrifjutat li tikkritika lill-Kummissjoni talli din ma aċċettatx iż-żewġ soluzzjonijiet alternattivi li huma kienu pproponew. Sabiex nerġa' nfakkar, dawn is-soluzzjonijiet alternattivi kienu jikkonsistu, għall-bidu, fil-possibbiltà li Degussa tingħata aċċess għall-preżentazzjoni tagħhom *in camera* wara l-aħħar tal-2008 jew wara l-konklużjoni ta' ftehim ta' provvista ġdid. Wara l-konklużjoni ta' dan il-ftehim, l-appellanti talbu seduta addizzjonali għas-sottomissjonijiet orali, fejn Degussa kien ikollha l-opportunità li tkun preżenti.

70. Fir-rigward tal-ewwel soluzzjoni alternattiva, ma hemm, kif intqal iktar 'il fuq, ebda dritt għal seduta *in camera* għas-sottomissjonijiet orali. Barra minn hekk, din il-proposta hija wisq iktar sorprendenti peress li, bħala prinċipju, l-osservanza tad-dritt għal smigħ ma hijiex kwistjoni ta' reċiproċità. Barra minn dan, ma huwiex l-appellanti li għandhom jiddeċiedu jekk informazzjoni tkunx kunfidenzjali jew le, peress li dan jillimita d-drittijiet ta' partijiet oħra sabiex jiksbu informazzjoni mhux kunfidenzjali.

71. Dwar il-proposta ta' wara, insib li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta qieset, fil-punt 61 tas-sentenza appellata, li t-tmexxija sewwa tal-proċedura amministrattiva teħtieġ l-adozzjoni ta' deċiżjoni fi żmien raġonevoli, u li, għaldaqstant, ma hemmx dritt għal seduta addizzjonali għas-sottomissjonijiet orali. Tabilħaqq, dan huwa rifless fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 773/2004, li skontu l-Kummissjoni ma hijiex obbligata tieħu inkunsiderazzjoni informazzjoni bil-miktub li ma tingħatax fit-terminu stabbilit għal tweġiba għad-DO. L-appellanti ngħataw il-possibbiltà li jippreżentaw fehmithom oralment (fejn, nista' nżid, iż-żmien tagħhom sabiex jitkellmu kien ġie estiż fil-każ li xtaqu jagħmlu l-preżentazzjoni tagħhom *in camera*). Id-dritt għal smigħ huwa intiż sabiex jagħti lil impriżi l-opportunità li jinstemgħu, iżda mhux neċessarjament li jinstemgħu fiż-żmien li jkun l-iktar konvenjenti għalihom.

32 — Ara s-sentenza FIAMM *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-120/06 P u C-121/06 P, EU:C:2008:476, punt 187 u l-ġurisprudenza ċċitata.

72. Fl-aħħar nett, kif il-Qorti Ġenerali sewwa osservat, l-US tat lill-appellanti l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub addizzjonali. Dan jidher li huwa konformi ma' prattika kurrenti [33]. Għalhekk, l-appellanti kellhom opportunità biżżejjed sabiex il-pożizzjoni tagħhom issir magħrufa, inkluż oralment.

73. Fuq din il-bażi, l-argument li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tad-dritt għal smigħ orali tal-appellanti għandu jiġi miċħud u, għaldaqstant, anki l-appell.

d) Kunsiderazzjonijiet sussidjarji: konsegwenzi li jirriżultaw mill-ksur tad-drittijiet proċedurali tal-appellanti

74. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha – kuntrarjament għal dak li qed nipproponi – iżżomm li l-appellanti kellhom il-jedd għal seduta *in camera*, nixtieq nagħmel ir-rimarki li ġejjin.

75. Skont il-ġurisprudenza, id-drittijiet tad-difiża jinkisru meta l-eżitu tal-proċedura amministrattiva mmexxija mill-Kummissjoni seta' kien differenti minħabba żball magħmul minnha. Impriża tistabbilixxi li jkun sar ksur meta hija turi b'mod adegwat, mhux li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet tkun differenti fil-kontenut, *iżda pjuttost li l-impriża kienet tkun tista' tiżgura aħjar d-difiża tagħha kieku ma kienx hemm żball* [34].

76. Bla ebda dubju, ma huwiex dejjem faċli li jiġi stabbilit li jkun twettaq ksur [35]. Ir-raġunijiet għal dan jistgħu jkun bosta, bħall-inammissibbiltà – kollha jew parzjali – ta' aggravju, jew sempliċement li ma jkunx inkixef żball ta' liġi [36]. Għall-kuntrarju, fejn l-irregolarità proċedurali hija ċara, il-Qorti tal-Ġustizzja stħarrġet fid-dettall l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar jekk, fin-nuqqas ta' dik l-irregolarità, dik l-impriża setgħetx aħjar tiżgura d-difiża tagħha, billi tannulla jekk ikun meħtieġ is-sentenza tal-Qorti Ġenerali [37]. U bir-raġun, għaliex huwa importanti li l-oneru tal-prova ma jkunx tqil iżżejjed, u li kull inċertezza tiġi interpretata favur l-impriża rikorrenti [38].

77. Għas-saħħa tal-argument, inħossni liberu niddubita għaliex il-piż tal-prova għandu jinġarr, bħala tali, mill-impriża kkonċernata. Wara kollox, il-preżunzjoni ta' legalità marbuta ma' atti tal-istituzzjonijiet ma għandhiex tkun bla limitu. Ġaladarba impriża rikorrenti tkun uriet li deċiżjoni tal-Kummissjoni hija żbaljata proċeduralment, din il-preżunzjoni ma għandhiex tapplika iktar. Minflok, *għandu jkun għall-Kummissjoni* li ġġib prova li l-iżball ma jkunx laqgħat il-kontenut tad-deċiżjoni.

78. L-appellanti jħallu barra milli jiddeskrivu speċifikament b'liema mod kien konċepibbli li l-proċedura amministrattiva setgħet kellha eżitu differenti. Madankollu s-sentenza appellata, kif ukoll l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-appellanti (fl-ewwel istanza u fl-appell) juru li l-appellanti qiesu li seduta *in camera* kienet tippermettilhom jipprovaw jikkonvinċu lill-Kummissjoni li huma ma kinux responsabbli jew, għall-inqas, kienu inqas responsabbli għall-ksur inkwistjoni, minħabba r-rwol ta' Degussa. Is-seduta kkonfermat dan.

33 — Ara l-Artikolu 12(4) tad-Deċiżjoni 2011/695 tal-President tal-Kummissjoni Ewropea, tat-13 ta' Ottubru 2011, dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU L 275, p. 29).

34 — Ara s-sentenza Thyssen Stahl vs Il-Kummissjoni C-194/99 P, EU:C:2003:527, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata.

35 — Ara, pereżempju, is-sentenza SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, C-308/04 P, EU:C:2006:433, punti 97 u 98, dwar ilment ibbażat fuq aċċess insuffiċjenti għall-fajl.

36 — Ara *ibid*., punti 95 u 96.

37 — Fis-sentenza Foshan Shunde Yongjian Housewares & Hardware vs Il-Kunsill, C-141/08 P, EU:C:2009:598, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li ma qablitx mal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston (EU:C:2009:307), annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali li, minkejja l-ksur mill-Kummissjoni tat-terminu minimu ta' għaxart ijiem sabiex jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, kienet eskludiet il-possibbiltà ta' eżitu differenti ta' proċedura ta' antidumping (ara, b'mod partikolari, il-punti 88, 94, 96 u 102 sa 104). Il-fatt li dan it-terminu ma tħalliex jiskadi qabel ma ntbagħtet proposta għal miżuri definittivi lill-Kunsill kien jammonta għal assenza ta' smigħ assoluta ta' din l-impriża.

38 — F'dan is-sens, ara Craig, P., *EU Administrative Law*, It-tieni edizzjoni, Oxford, 2012, p. 333.

79. Fil-fehma tiegħi, hemm differenza bejn li jiġi eżaminat jekk parti setgħetx tiddefendi aħjar lilha nfisha, minn naħa, li kieku ngħatat aċċess għall-file kollu tal-kawża u, min-naħa l-oħra, li kieku ngħatat smigħ *in camera*. Għalkemm is-sinjifikat ta' dokumenti miżmuma illegalment jista' jiġi evalwat *ex post* [39], dak ta' seduta *in camera* ma jistax: huwa impossibbli tkun ċert għalkollox ta' dak li attwalment iseħħ f'laqgħat bħal dawn. Ma hemm xejn ukoll xi jżomm parti milli tissottometti informazzjoni kunfidenzjali rilevanti oħra lill-Kummissjoni matul laqgħa bħal din li ma jkunx sar riferiment għaliha qabel. Għalhekk, jekk hemm dritt għal seduta *in camera* quddiem il-Kummissjoni, u jekk seduta għas-sottomissjonijiet orali tinżamm darba waħda biss – bħal fil-każ inkwistjoni – allura l-parti li kellha dan il-jedd iżda li ġie miċħud lilha *ma tistax titqies li tkun instemgħet* [40]. Fl-interess li jiġi żgurat li ssir ġustizzja, jiena assolutament ma iniex konvint bl-idea li tiġi vvalidata motivazzjoni preventiva li tiċħad seduta *in camera* minħabba li tkun teżisti l-possibbiltà li din ma setgħetx tkun ta' għajnuna għal dik il-parti.

80. Barra minn hekk, ma jkunx biżżejjed li l-parti mċaħħda tingħata bħala kumpens l-opportunità li tippreżenta osservazzjonijiet bil-miktub addizzjonali. Osservazzjonijiet bil-miktub ma jistgħux jissostitwixxu seduta *in camera*, jekk il-partijiet ikollhom dritt għaliha.

81. Dan iwassalni għall-aħħar punt tiegħi: ma nistax naċċetta li l-appellanti għandhom jinżammu responsabbli għaliex ma appellawx kontra l-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali b'rabta mat-tieni parti tal-ħames aggravju tagħhom ta' annullament, li kien jirrigwarda l-preżenza allegata ta' ċirkustanzi mitiganti relatati mar-rwol ta' Degussa. Deċiżjoni li ma jsirx appell ma tfissirx rikonoxximent. Apparti dan, l-unika ħaġa li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun ssodisfatta dwarha hija jekk l-appellanti wrewx li huma setgħu jkunu f'qagħda aħjar sabiex jiżguraw id-difiża tagħhom li kieku kellhom l-opportunità li jinstemgħu *in camera*.

82. Nemmen li dan huwa l-każ. Għaldaqstant, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi li l-appellanti kellhom dritt għal seduta *in camera* quddiem il-Kummissjoni, allura s-sentenza appellata għandha titħassar minħabba ksur ta' forma proċedurali sostanzjali, jiġifieri l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 773/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 14(6) tiegħu. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha biżżejjed informazzjoni sabiex taqta' l-kawża mressqa fl-ewwel istanza, id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata wkoll, konformement mat-talbiet oriġinali.

83. Madankollu, nibqa' tal-fehma li l-appellanti bl-ebda mod ma kellhom dritt bħal dan, u li l-appell għandu, għaldaqstant, jiġi miċħud.

## VI – **Spejjeż**

84. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-Regoli, applikabbli għal proċeduri ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

85. Peress li l-appellanti tilfu, huma għandhom jiġu kkundannati għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

39 — Ara, pereżempju, is-sentenza Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punti 649 sa 688.

40 — F'dan is-sens, is-sitwazzjoni hija, għalhekk, simili għas-sentenza Foshan Shunde Yongjian Housewares & Hardware vs Il-Kunsill, C-141/08 P, EU:C:2009:598.

## VII – **Konklużjoni**

86. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiċħad l-appell;

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.